MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 187/2007

Kawza fil-lista: 59

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, tas-sena elfejn (2000) fir-Registru Pubbliku (Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

3. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi, vjolenza

psikologika u swat kommessi da parti tal-intimat zewgha fil-konfront ta' martu r-rikorrenti, b' rizultat li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment u dunque m' hemmx lok ghal rikonciljazzjoni;

4. Illi di piu', ir-rikorrenti kienet qed tghix f' tensjoni kbira f' darha stess minhabba l-agir irresponsabbli tal-intimat, tant li kwazi cirka sentejn mid-data taz-zwieg ma felhitux aktar u keccietu mid-dar;

5. Illi di piu', l-intimat zewgha ghandu problema bl-abbuz tal-alkohol;

6. Illi kull tentattiv li sar mir-rikorrenti ghal separazzjoni konsenswali falla minhabba l-intransigenza da parti tal-intimat zewgha;

7. Illi r-rikorrenti taf personalment b' dawn il-fatti personalment;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;

2. Tillikwida, tiffissa u tordna lill-intimat ihallas manteniment xieraq u adegwat skond l-introjtu finanzjarju tal-intimat lir-rikorrenti;

3. Tiddikjara li l-intimat iddekada mid-dritt ta' manteniment;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti li ghandha tinqasam f' zewg partijiet mhux necessarjament ugwali;

6. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Taghti kull provvediment iehor skond ic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-riposta guramentata tal-konvenut li biha espona bir-rispett :

Illi l-eccipjenti jaqbel ma’ l-ewwel talba attrici limitatament ghad-dikjarazzjoni u pronunzja ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti, u dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici, illi rrendiet ruhha hatja versu l-eccipjenti ta’ ingurji, sevizzi, eccessi u minacci, illi wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti u rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibli, kif ukoll minhabba inkompatibilita’ serja ta’ karattri.

Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda stante illi l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob manteniment minghand l-eccipejnt, stante illi rrendiet ruhha hatja ta’ ingurji, eccessi u minacci illi wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi r-raba’ u l-hames talbiet attrici m’ humiex opposti.

Illi s-sitt talba attrici ghandha tigi michuda stante illi m’ hemm l-ebda raguni valida illi tiggustifika din it-talba, b’ dan pero’ illi s-sanzjonijiet previsti mill-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili, illi ghalihom issir referenza fis-sitt talba attrici ghandhom jigu kkomminati minn dina l-Onorabbli Qorti fil-konfront tal-attrici u kwindi favur l-eccipjent.

Illi fl-ahhar lok, relattivament ghal dak illi jirrigwarda l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, l-eccipjenti jirrileva illi galadarba huwa m’ huwiex hati ghall-firda bejn il-partijiet, kif diga’ inghad, l-ispejjez ta’ din l-istanza ghandha tbatihom interament l-attrici stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-istess konvenut;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-istess artikolu, jattribwixxi l-htija unikament lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu civilment fit-28 ta' April 2000 meta allura l-attrici cittadina maltija kellha 20 sena, u l-konvenut cittadin libjan kellu 26 sena.  Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta mhux kontraddett li, sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kien jabbuza mill-alkohol, u li sussegwenti ghaz-zwieg dan l-abbuz beda jsir ta' sikwit bir-rizultat li l-konvenut kien ikun aggressiv verbalment fil-konfront ta' martu, u okkazjonalment anke fizikament. Matul iz-zwieg il-problema tieghu kibret, izda xorta wahda huwa baqa' jirrifjuta li jmur ghall-ghajnuna nonostante l-insistenza da parti ta' l-attrici.

Illi il-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, fuq bazi ripetuta u abitwali, irrenda l-konvivenza matrimonjali nsapportabbli ghall-attrici, u ghalhekk jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu precitat; u li dan ghandu jattira fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dan bi htija unika tal-konvenut.

**Manteniment**
Illi, ghalkemm fit-tieni talba l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' manteniment, izda fin-nota guramentata[1] taghha tghid li "m'ghandha l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' l-intimat fir-rigward ta' manteniment."

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi fin-nota taghha l-attrici tghid li fil-komunjoni ta' l-akkwisti, la hemm assi u lanqas hemm djun.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi :

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut ;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante rinunzja maghmula mill-attrici ;

[3] tilqa' t-tielet talba ;

[4] tilqa' ir-raba talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li ma hemmx assi, x' jigu likwidati ;

[6] tilqa' is-sitt talba ;

---

[1] Fol.42

[7] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjoni xbubitha, cioe’ ‘Richard’ ;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------